**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 25** **IT-TLIETA 19 TA' MEJJU 2009**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju fis-7.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Simon Peter Vella Gregory, Thomas Harmsworth, Bjorn Azzopardi, Jeffrey Camilleri, Dennis Zammit, Margaret Mercieca (daħlet fis-7.22pm), u Ralph Puli (daħal fis-7.25pm).

Il-Kunsillier Jason Busuttil kien skużat minħabba safar.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**25/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 24 li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' April 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** issekonda.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta numru 24.**

**25/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2009**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2009, kif kienu ċċirkulati. **DOK 'A1-3'**

- **a.** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2009
- **b.** *Bank Payments April 2009*
- **c.** *Petty Cash April 2009*

**Is-Sindku** ressaq il-listi ta' pagamenti, li ttieħdu bħala moqrija, għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti. Il-Kunsill innota l-pagamenti tal-*cold asphalt patching* li sar fit-toroq, kif ukoll l-ispiża tal-i*speed cameras* l-ġodda.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti mressqa.

**25/03 MOZZJONI NRU 81/2009(V)**

Is-Sindku ressaq il-Mozzjoni 81/2009(V) dwar xogħol ta' restawr tan-niċċa ta' San Alwiġi li tinsab fi Triq il-Kbira.

"Nipproponi li jsir restawr tan-niċċa ta' San Alwiġi li tinsab mad-dar tal-familja tal-President George Abela, fi Triq il-Kbira, bi spiża ta' € 350.00."

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda.

**Is-Sindku** filwaqt li nnota li jeħtieġ li l-Kunsill jibda jagħti attenzjoni akbar għar-restawr ta' diversi niċċeċ imxerrdin ma' Ħal Qormi, li ftit li xejn qed jingħataw każ, anki mill-istess sidien tagħhom, speċjalment għall-ħtieġa urġenti ta' xi uħud minn dawn in-niċċeċ li għandhom bżonn restawr, kif il-Kunsill għandu jiżgura li dan il-patrimonju ma jintilifx.

Is-Sindku talab vot dwar il-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** l-Għaxar (10) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill approva unanimament** il-Mozzjoni nru. 81/2009(V) dwar restawr tan-niċċa ta' San Alwiġi fi Triq il-Kbira.

**25/04 MOZZJONI NRU 82/2009(V)**

Is-Sindku ressaq il-Mozzjoni 82/2009 (V) dwar bdil tat-tappieri tan-nar tal-festa li jinsabu fi Pjazza tal-Granmastru.

“Nipproponi li jsiru toqob ġodda tan-Nar ta’ l-Art fil-Pjazza tal-Granmastru minħabba li dawk eżistenti qed ikunu ta’ periklu kemm għan-nies kif ukoll għall-vetturi.

Ix-xogħol għandu jsir b’xejn mill-Għaqda tal-Armar San Sebastjan filwaqt li l-Kunsilll jipprovdi t-tappieri u l-materjal ieħor meħtieġ.”

**Il-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Simon Peter Vella Gregory** issekondaw.

**Is-Sindku** fisser li preżentement diversi toqob tan-nar ta’ l-art li jinsabu fi Pjazza tal-Granmastru ġarrbu ħsarat konsiderevoli bil-vetturi li jgħaddu mill-pjazza, fejn ħafna minnhom spiċċaw imfarrka u mingħajr għotjien u għalhekk minħabba l-perikli li qed joħolqu għal kull min jgħaddi minn hemm, hemm bżonn li jsiru mill-ġdid.

**Is-Sindku** ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni.

Saret votazzjoni b’dan ir-riżultat; **Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni** 82/2009 (V) dwar bdil tat-tappieri tan-nar tal-festa fi Pjazza tal-Granmastru.

**25/05 MOZZJONI NRU 83/2009(V)**

Is-Sindku ressaq il-Mozzjoni 83/2009 (V) dwar fanali għas-*Central Island* li qed tinbena fi Triq il-Vitorja.

“Nipproponi li l-Kunsill japprova x-xiri ta’ tnax-il fanal Simphony 195FO/1TIPS, b’lampi ta’ *energy saving*, għas-somma ta’ €399.69 ‘l wieħed, sabiex jitwaqqfu fis-*Central Island* fi Triq il-Vitorja. Dawn il-fanali se jkunu pprovduti mill-Kuntrattur tal-i*Streetlighting*”

**Il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Angelo Briffa** ssekondaw il-mozzjoni.

**Is-Sindku** ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni.

Saret votazzjoni b’dan ir-riżultat; **Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni 83/2009 (V) dwar xiri ta’ fanali għas-*Central Island* li qed tinbena fi Triq il-Vitorja.

**25/06 MOZZJONI NRU 84/2009(V)**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 84/2009 (V) dwar il-Programm ta' Jum Ħal Qormi.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nefqa ta' € 7,775 sabiex jiġi organizzat il-Programm ta' Jum Ħal Qormi.

Din is-serata se tkun animata b'Kunċert **Nihil Nisi Optimum** (Xejn Ħlief l-Aħjar) ad unur il-President ta' Malta, l-E.T. Dr. George Abela.'

Dan l-ammont għandu jinkludi l-ispejjeż ta':

| | |
|---|---|
| Armar/Żarmar tal-palk | € 1,280 |
| Inviti | € 35 |
| Dawl | € 1,416 |
| Generator | € 295 |
| Fjuri | € 180 |
| Siġġijiet | € 175 |
| Pulizija/Gwardjani | € 350 |
| Xiri ta' Rigal lill-President | € 583 |
| Orkestra | € 3,261 |
| Affarijiet oħra | € 200 |
| **Total** | **€ 7,775** |

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil u l-Kunsillier Angelo Briffa** ssekondaw il-mozzjoni.

**Is-Sindku** fisser li dawn l-ispejjeż imressqa għal dan il-programm jinkludi l-attivitajiet li se jsiru s-sibt, kif ukoll dawk tat-Tnejn 25 ta' Mejju, li t-tnejn sejrin jinżammu fi Pjazza tal-Granmastru. Huwa nnota l-ispiża tinkludi l-attivita' kollha li sejra ssir f'Jum Ħal Qormi ad unur ta' l-E.T. il-President George Abela. It-tliet baned flimkien sejrin idoqqu mill-Parroċċa ta' San Ġorġ sal-Parroċċa ta' San Sebastjan u jieqfu jdoqqu taħt il-gallarija tal-Familja Abela fejn ikun hemm il-President George Abela.

Wara ser jinżamm Kunċert bl-isem ta' Nihil Nisi Optimum ad unur tal-President.

**Is-Sindku** ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni.

Saret votazzjoni b'dan ir-riżultat; **Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni 84/2009 (V) dwar il-Programm ta' Jum Ħal Qormi.

**25/07 RAPPORT - KORSIJIET TAL-KOMPJUTERS**

**Is-Sindku** għaddha biex ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport imħejji mill-Bord ta' l-għażla, liema rapport kien imqassam lill-Kunsilliera. Minn barra r-rapport, il-Kunsilliera kienu ngħataw fil-15 ta' Mejju, kopja ta' *email* mibgħuta mis-Sur Ray Abela tat-TCTC fl-istess ġurnata. **DOK 'B 1-2'**

**Is-Sindku** talab lill-Viċi Sindku sabiex iressaq flimkien mal-Kunsillier Dennis Zammit ir-rapport imħejji mill-Bord tal-għażla dwar it-tliet offerti għall-korsijiet tal-kompjuters.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** fisser li l-Kunsill, għas-sejħa li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Marzu, u f'gazzetti kummerċjali oħra, kien irċieva tliet offerti:

1. Malta Institute for Computer studies (MICS)
2. St. Mark's Institute, u
3. TCTC

Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil talab lill-Kunsillier Dennis Zammit, bħala espert tekniku sabiex jispjega fid-dettall lill-Kunsilliera r-rapport li tħejja dwar l-offerti.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** spjega fid-dettal it-tliet offerti mitfugħa, kif ukoll ir-raġunijet għaliex il-Bord ta' l-Għażla wasal għal dawk il-konklużjonijiet u wara diskussjoni dwar dak li kien imressaq fir-rapport tal-Bord li jiġbor fih id-dettallji u l-argumenti li tressqu dwar kull offerta, il-Kunsillier Dennis Zammit ressaq il-konklużjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-Kumpanija St. Mark's Institute għandha tingħata din l-offerta biex jingħata servizz ta' tagħlim u korsijiet relatati mal-Kompjuter, liema ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'Gunju, 2009 u jagħlaq f'Mejju ta' l-2012, bit-tiġdid tal-kuntratt isir f'Gunju ta' kull sena.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li qed jersqu residenti quddiem l-impjegati tal-Kunsill, b'karti mibgħuta mill-kumpanija TCTC fejn qed ikun reklamat korsijiet tal-kompjuter b'xejn f'Ħal Qormi, ''u għal aktar informazzjoni wieħed għandu jirrikorri ġewwa l-Kunsill Lokali tiegħek'', sabiex wieħed japplika ġewwa l-Kunsill Lokali tiegħu. Is-Sindku kkritika u kkundanna dan l-aġir fejn il-Kunsill qed jiddaħħal f'xi ħaġa li qatt ma kien hemm diskussjoni jew ftehim dwarha ma' din il-kumpanija. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** tkellem ukoll li fir-rigward ta' l-email datata 15 ta' Mejju 2009, li ma kienx il-każ li t-tliet offerenti jissejħu għal diskussjonijiet / kjarifiki dwar l-offerti li ressqu, għaliex bis-sejħa wieħed kellu jressaq dettallji kollha dwar x'joffri dwar il-korsijiet tal-kompjuter. Kien hemm qbil mill-Kunsill kollu li mhux il-każ li jissejħu r-rappreżentanti tat-tliet kumpaniji li tefgħu l-offerti, għaliex l-offerti mitfugħa kienu ċari mir-rapport li tressaq.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** nfurmat lill-Kunsill li hija kienet irċeviet messaġġi u telefonati mis-Sur Ray Abela dwar din l-offerta, u kienet tħossha imxebba' u mdejjqa b'dawn it-telefonati kontinwi, tant li kienet qed tirraporta dan il-każ.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** stqarr ukoll li huwa kien irċieva kemm-il telefonata u messaġġi mis-Sur Abela dwar din l-offerta għall-korsijiet tal-kompjuters.

Tqajjmet il-mistoqsija jekk kienx il-każ li l-Kunsill jiskwalifika l-offerta mressqa mit-TCTC la darba kien hemm dawn it-telefonati mis-Sur Abela mal-membri tal-Kunsill. Iżda l-Kunsill qabel li la darba l-Bord ta' l-Għażla ressaq raġunijiet soddisfaċenti dwar l-għażla li l-Kunsill għandu jagħmel, allura ma kienx il-każ li tittieħed deċiżjoni drastika ta' skwalifika.

**Is-Sindku** ressaq għalhekk ir-rakkomandazzjoni tal-Bord li l-Kumpanija St. Mark's Institute għandha tingħata din l-offerta biex jingħata servizz ta' tagħlim u korsijiet relatati mal-Kompjuter, liema ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'Ġunju, 2009 u jagħlaq f'Mejju ta' l-2012, bit-tiġdid tal-kuntratt isir f'Ġunju ta' kull sena, għall-approvazzjoni.

Saret votazzjoni b'dan ir-riżultat;
**Ivvutaw Favur l-Għaxar Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** li l-Kumpanija St. Mark's Institute għandha tingħata din l-offerta tal-Korsijiet tal-Komjuters.

## 25/08 PERMESSI FIL-ĠRANET TAL-FESTI

Is-Sindku ressaq rapport imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-permessi li l-Kunsill joħroġ għal matul il-ġranet tal-festi.

Il-Kunsill**,** permezz ta' diversi mozzjonijiet approvati tul is-snin, minn dejjem kien jesiġi li fl-armar ta' Kiosks għall-festa ta' San Ġorġ kif ukoll għall-festa ta' San Sebastjan: L-Ebda posta jew kiosk m'għandu jingħata permess jarma f'xi Triq li minnha tgħaddi l-Purċissjoni, ħlief għal xi posta jew kiosk tradizzjonali użati esklussivament għall-bejgħ ta' qubbajt Malti (Maltese Nougat).

Dan kollu kien mifhum li jgħodd għall-ġranet kollha tal-Festa.

Iżda llum minbarra il-permessi għall-posti jew kiosks, qed jinħarġu wkoll il-permessi skont ir-Regolament 09 - Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet. Matul dawn l-aħħar snin, dawn il-permessi żdiedu konsiderevolment, fejn issa qed jintalbu permessi sabiex jintramaw imwejjed u siġġijiet fit-Triq li minnha tgħaddi l-purċissjoni matul il-ġimgħa kollha kif ukoll nhar il-Festa.

Dawn kienu il-permessi li l-Kunsill irċieva u ħareġ fl-2008. **Għall-Festa ta' San Ġorġ fl-2008 kien hemm kif ġej:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** Antione Falzon | Kazin PN, Triq il-Kbira | 6m$^2$ |
| **2.** David Axisa | St. George's Bar, Triq il-Kbira | 6m$^2$ |
| **3.** The Barman | Genesis Bar, Triq il-Kbira | 10m$^2$ |
| **4.** The Barman | Għaqda Mużikali San Ġorg Martri, Triq il-Kbira | 12m$^2$ |
| **5.** The Barman | Qormi F.C. 345, Triq il-Kbira | 6m$^2$ |
| **6.** Anici Band Club | Anici Band Club, Trejqa ta' Pinto Nru 2 | 10m$^2$ |
| **7.** Terence Cini | Hudson Confectionery, Triq il-Vitorja | 10m$^2$ |

**Filwaqt li għall-Festa ta' San Sebastjan fl-2008 inħarġu dawn il-permessi:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** Roderick Bonnici | El Padre, Triq San Bastjan | 6m$^2$ |
| **2.** Kevin Baldacchino | Café Riche Bar, Triq il-Kbira | 20m$^2$ |
| **3.** XXXXXXXX | Chick King, Triq San Bastjan | 5m$^2$ |
| **4.** Ronnie Camilleri | Florence Bar, Triq San Bastjan | 6m$^2$ |
| **5.** Peter Borg | Sphinx Pizzeria, Triq San Bastjan | 12m$^2$ |
| **6.** Noel Grixti | Kazin MLP, Triq San Bartolomew | 4m$^2$ |

Minbarra dan, b'interpretazzjoni żbaljata tar-Regolament 9, inħarġu wkoll numru ta' permessi għall-MEJDA BAR li kienu intiżi sabiex jinbiegħ soft drinks minn fuqhom. Iżda twettqu diversi abbużi fejn il-Mejda Bar kienet tintrama' daqs li kieku kien il-BAR, u fejn ukoll sar bejgħ ta' xorb alkoħoliku bi ksur tal-liġi. Bl-intervent tal-Pulizija, dan kollu twaqqaf, u l-Kunsill mhux se joħroġ permessi bħal dawn (għaliex mhux skont ir-regolamenti), jekk mhux għall-imwejjed u siġġijiet li minn fuqhom wieħed jista' joqgħod jiekol u jixrob dak li jkun xtara minn ġewwa l-ħanut/bar.

Għaldaqstant qed tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex l-affarijiet ikunu ċari, u sabiex ikun hemm deċiżjoni tal-Kunsill, dwar l-approvazzjoni tal-ħruġ ta' dawn il-

permessi skont **ir-Regolament 9 Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet**, fejn dawn it-talbiet isiru ukoll għal ħruġ ta' permessi għall-Imwejjed u Siġġijiet tul it-triq tal-Purċissjonijiet. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jiġu pproċessati u jinħarġu?

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopji tas-siti fejn jinħarġu l-permessi għall-festi ta' San Ġorġ u San Sebastjan. **DOK 'D'**

Saret diskussjoni dwar dawn il-proposti fejn kien maqbul li matul il-festi għandhom jerġgħu jitqabbdu l-Pulizija għaliex kien hemm aktar dixxiplina bil-Pulizija mill-bejjiegħa tal-kjoskijiet u fil-permessi l-oħra maħruġa s-sena li għaddiet.

Kien maqbul ukoll li min japplika għat-Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet għandu josserva d-daqs ta' l-areja li jinħariġlu l-permess għalih u mhux iżid ma' dak li jitniżżel fil-permess. Il-Kejl/daqs li għalih ikun applika u ħallas, għandu jkun miktub ċar fil-permess u l-Pulizija għandhom ikunu mitluba jiċċekkjaw dwar dan sabiex jitwaqqaf kull abbuż.

Il-Kunsill qabel ukoll li dwar il-ħruġ ta' permessi għall-imwejjed u siġġijiet, għandhom jinġabru l-applikazzjonijiet għat-Tqegħid ta' Mwejjed u Siġġijiet u wara li jkunu vvalutati dawn it-talbiet kif ukoll l-kummenti kollha li jkun hemm dwar dawn it-talbier, b'tali mod li dawn it-talbiet għall-imwejjed u siġġijiet ma jkunux ta' tfixkil għall-mixja ta' l-istess festi fil-ġranet mitluba, il-Kunsill għandu japprova li jinħarġu l-permessi.

**25/09 RAPPORT DWAR VIŻTA TAD-DELEGAZZJONI MINN FRANZA**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq għallattenzjoni tal-Kunsill rapport tal-viżta tad-Delegazzjoni minn Fejzin fi Franza li għamlu matul il-ġimgħa ta' l-Għid. Dan id-dokument jiġbor dettalji finanzjarji dwar l-attivitajiet li nżammu għal dan il-kontinġenti. Il-Kunsillier innota li din id-delegazzjoni għaddiet lill-Kunsill elf u mitejn euro biex ikopru l-ispejjeż tal-mawra tagħhom f'Malta. **DOK 'E'**

**25/10 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza; **DOK 'F 1-2'**

a. Avviż Legali Nru 144 ta' 2009 – Regolamenti ta' l-2009 dwar Ġemellaġġ
b. Avviz Legali Nru 129 ta' 2009 - Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa li jmiss sejra tinżamm nhar it-Tlieta 16 ta’ Ġunju 2009

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Jesmond Aquilina
Sindku

QORMI
Città Pinto

## PAGAMENTI LI GĦAD IRIDU JSIRU GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2009

| PV | NO | Date | Inv. No. | Payee | Description | Euros | Acc/No | Acc/Name |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0064 | 08/04/2009 | 24015 | Police Department | Pagaent "Id-Dawl tal-Hajja" - Extra Police | **€ 446.74** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0065 | 23/04/2009 | 456 | Leli's Drainage Works | Opening of blockage and cleaning of pipes - Public Toilets | **€ 186.00** | 3053 | Public Convenience |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0066 | 15/04/2009 | 26651770 | Melita Cable | Cable TV | **€ 46.60** | 2630 | Subscription |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0067 | 23/04/2009 | 90479 | ITS Ltd | Sage Pastel Consultancy | **€ 41.30** | 3110 | IT Development Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0068 | 23/04/2009 | 90500 | ITS Ltd | Sage Pastel Consultancy | **€ 61.95** | 3110 | IT Development Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0069 | 03/04/2009 | 97 | Mario Debono Jewellers | Gieh Hal Qormi - Engraving of Tribuna | **€ 12.37** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0070 | 28/04/2009 | | Scerri Daniel | Gieh Hal Qormi - Pittura for Dr George Abela | **€ 583.00** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0071 | 30/04/2009 | 04-2009 | Dr Stefan Zrinzo Azzopardi | Avukat | **€ 412.30** | 3140 | Legal Services |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0072 | 30/04/2009 | 04-2009 | Bessie Tanti | Office Cleaning | **€ 559.20** | 3055 | Office Cleaning |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0073 | 01/04/2009 | 31621 | Image Systems | Library - Photocopy Machine Reading | **€ 33.30** | 2610 | Printing |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0074 | 01/04/2009 | 60814 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | **€ 111.62** | 3060 | Contractual Service |
| | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0075 | 01/04/2009 | 31650 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | **€ 326.42** | 3060 | Contractual Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0076 | 29/04/2009 | | Ta Caccu Bar | Visit French Delegation - Dinner | **€ 352.65** | 3330 | Visits - Foreign Delegations |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0077 | 20/04/2009 | 2009/030 | Glass Creations | Visit French Delegation - Engraved Plates | **€ 123.90** | 3330 | Visits - Foreign Delegations |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0078 | 24/04/2009 | | Perit William Lewis | Man Fee re Culvert Triq San Edwardu | **€ 3,800.00** | 7600/007 | Culverts Triq San Dwardu - Yet Not Capitalized |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0079 | 12/04/2009 | | Justin Said | Visit French Delegation - Minibus for Visit to Tal-Hlas Chapel and to Razett l-Antik | **€ 35.40** | 3330 | Visits - Foreign Delegations |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0080 | 30/04/2009 | 04-2009 | David Borg | Cleaning of Public Conveniences | **€ 2,137.50** | 3053 | Public Convenience |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0081 | 30/04/2009 | 04-2009 | David Borg | Extra Opening - Cleaning of Public Conveniences | **€ 112.50** | 3053 | Public Convenience |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0082 | 27/04/2009 | 01/09 | Northern Harbour District JC | Share of Expenses - Jan-March 2009 | **€ 273.73** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0083 | 30/04/2009 | | Diacono Consiglio - Caretaker Skola Guze Galea | Extra Caretaker re Korsijiet | **€ 38.50** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0084 | 30/04/2009 | | Montebello Anthony - Caretaker Skola Guze Galea | Extra Caretaker re Korsijiet | **€ 38.50** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0085/ 0090 | 28/04/2009 | 04-2009 | Council Personnel | Salary & Overtime | **€ 7,144.19** | 1200/ 1700 | Salaries/Overtime |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0091 | 28/04/2009 | 04-2009 | Aquilina Jesmond | Mayor Allowance | **€ 324.98** | 1100 | Mayor Allowance |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0092 | 28/04/2009 | | Maltapost plc | Postage Stamps | **€ 95.00** | 2650 | Postage |
| | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0093 | 11/05/2009 | | DOI | Advert | **€ 9.32** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0094 | 05/05/2009 | | DOI | Advert | **€ 9.32** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0095 | 05/05/2009 | 05-2009 | Council Secretary | Petty Cash | **€ 161.02** | 5010 | Petty Cash |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0096 | 05/05/2009 | | OPM | Advert | **€ 75.00** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0097 | 18/04/2009 | 66977 | Standard Publications Ltd | Advert | **€ 297.36** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0098 | 27/04/2009 | 10643 | Enemalta Corporation | Electricity - CCTV Cameras | **€ 219.66** | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0099 | 30/04/2009 | | Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali | Insurance on Money | **€ 42.00** | 3030 | Insurance Coverage |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0100 | 04/05/2009 | 06-2009 | Med Developers Ltd | Lease of SLRMS - June 2009 | **€ 253.44** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0101 | 31/03/2009 | 20005080 | Koptaco Co Op Ltd | Transport re Coffee Morning | **€ 121.00** | 2720 | Hire of Transport |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0102 | 30/04/2009 | 8277 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - April 2009 | **€ 232.94** | 3041 | Refuse Collection |
| PV10 | 0102 | 30/04/2009 | 8277 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - April 2009 | **€ 1,630.56** | 3041 | Refuse Collection |
| PV10 | 0102 | 30/04/2009 | 8277 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - April 2009 | **€ 7,541.35** | 3041 | Refuse Collection |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0103 | 09/04/2009 | 10928 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 496.08** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0104 | 09/04/2009 | 10929 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 196.22** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0105 | 08/04/2009 | 10942 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 462.12** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0106 | 08/04/2009 | 10943 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 75.47** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0107 | 09/04/2009 | 10944 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 828.32** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0108 | 22/04/2009 | 10947 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 12.77** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0109 | 28/04/2009 | 10962 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 58.44** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0110 | 29/04/2009 | 20431 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 88.00** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0111 | 30/04/2009 | 20435 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 141.34** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0112 | 04/05/2009 | 20437 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 156.01** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0113 | 04/05/2009 | 20438 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 210.68** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0114 | 30/04/2009 | | Richard Spiteri | Xoghol ta Restawr fuq l-Istatwa ta' San Alwigi fi Triq il-Kbira | **€ 350.00** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0115 | 05/05/2009 | | Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali | Health Insurance | **€ 969.00** | 3030 | Insurance Coverage |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0116 | 17/04/2009 | | MEPA | PA Permit re Embellishment of Gnien Bertu Hyzler | **€ 128.06** | 7511 | Assets still Under Construction |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0117 | 06/05/2009 | | DOI | Advert | **€ 9.32** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0118 | 01/04/2009 | 1921 | The Light Housekeeper | Street Light Repairs | **€ 107.82** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0119 | 01/04/2009 | 03-2009 | The Light Housekeeper | Street Light Repairs | **€ 1,611.27** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0120 | 30/04/2009 | 04-2009 | The Light Housekeeper | Street Light Repairs | **€ 1,812.89** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0121 | 01/04/2009 | 03-2009 | Med Developers Ltd | Man Fee re Street Light Repairs | **€ 82.02** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0122 | 30/04/2009 | 04-2009 | Med Developers Ltd | Man Fee re Street Light Repairs | **€ 93.26** | 3065 | Street Lighting |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0123 | 23/04/2009 | | Med Developers Ltd | Man Fee re Street Light Repairs | **€ 18.84** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0124 | 30/04/2009 | 04-2009 | Med Developers Ltd | Lease of SLRMS - April 2009 (difference re new contract) | **€ 140.54** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0125 | 01/04/2009 | 1385 | Guard & Warden | Installation Fees New Speed Camera - Mdina Road | **€ 2,134.27** | 3670 | Speed Cameras Expenses |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0126 | 01/04/2009 | 1384 | Guard & Warden | Installation Fees New Speed Camera - Mdina Road | **€ 3,019.22** | 3670 | Speed Cameras Expenses |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0127 | 30/04/2009 | 49294 | Titan International Ltd | Aircondition Repairs | **€ 60.00** | 2330 | Repairs Off Furn & Equip |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0128 | 30/04/2009 | 09/004 | Dar il-Kaptan | Service for Persons with Disability | **€ 252.00** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0129 | 29/04/2009 | 109455317 | Water Services Corporation | Electricity - Kiosk De La Cruz | **€ 177.09** | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0130 | 29/04/2009 | 109457440 | Water Services Corporation | Water - Open Theatre De La Cruz | **€ 62.64** | 2140 | Public Utilities - Water |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0131 | 05/05/2009 | 20441 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 378.69** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0132 | 30/04/2009 | | Debattista Bruce | Visit French Delegation - Minibus Service | **€ 450.00** | 3330 | Visits - Foreign Delegations |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0133 | 30/04/2009 | | Farrugia Joseph - Librarian | Librarian | **€ 201.24** | 2996 | Librarian |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0134 | 04/05/2009 | 21960681 | GO Business | Tel 21440101 Rental | **€ 13.20** | 2150 | Comm Rental |
| PV10 | 0134 | 04/05/2009 | 21960681 | GO Business | Tel 21440101 Charges | **€ 4.02** | 2160 | Comm Charges |
| PV10 | 0134 | 04/05/2009 | 21960681 | GO Business | Tel 21440107 Rental | **€ 16.22** | 2150 | Comm Rental |
| PV10 | 0134 | 04/05/2009 | 21960681 | GO Business | Tel 21440107 Charges | **€ 157.96** | 2160 | Comm Charges |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 21440606 Rental | **€ 16.68** | 2150 | Comm Rental |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 21440606 Charges | **€ 11.77** | 2160 | Comm Charges |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 2144xxxx Rental | **€ 13.20** | 2150 | Comm Rental |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 2144xxxx Rental | **€ 16.68** | 2150 | Comm Rental |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 2144xxxx Charges | **€ 275.80** | 2160 | Comm Charges |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 2147xxxx Rental | **€ 16.68** | 2150 | Comm Rental |
| PV10 | 0135 | 05/05/2009 | 21971621 | GO Business | Tel 2147xxxx Charges | **€ 65.97** | 2160 | Comm Charges |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0136 | 30/04/2009 | 5194 | Environmental Landscapes | Contract - April 2009 | **€ 4,172.58** | 3061 | Parks & Gardens |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0137 | 15/04/2009 | 59-09 | Anton Zarb | Fanal - Pjazza San Frangisk | **€ 1,033.26** | 7240 | Urban Improvements |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0138 | 05/05/2009 | 473 | Leli's Drainage Works | Opening of blockage and cleaning of pipes - Public Toilets San Bastjan | **€ 186.00** | 3053 | Public Convenience |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0139 | 30/04/2009 | 117 | Gauci Charlie & Joseph | Sweeping - April 2009 | **€ 1,917.84** | 3051 | Sweeping |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0140 | 30/04/2009 | 118 | Gauci Charlie & Joseph | Gbir ta' Annimali Mejta, Tindif ta' Pascarella, gebel Misrah iz-Zebbug u Triq id-Dragun, Tindif Triq il-Helsien c/w Kia and Triq ta' Farzina near Snowhite | **€ 606.88** | 3052 | Non Urban |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0141 | 08/05/2009 | 05-2009 | Transfer to APS A/c | | **€ 2,063.82** | 5011 | APS Current Account |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0142 | 08/05/2009 | 05-2009 | Savings a/c | Bank Charges | **€ 3.49** | 3035 | Bank Charges |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0143 | 06/05/2009 | 45390 | Image Systems | A4 paper | **€ 143.37** | 2620 | Stationery |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0144 | 05/05/2009 | 10697 | Enemalta Corporation | Updating of Data Base, Form A Charges, Demarcation Expenses - 2009 | **€ 233.00** | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0145 | 30/04/2009 | 41346 | Media Link Communication | Advert | **€ 47.91** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0146 | 30/04/2009 | 04-2009 | Commissioner of Inland Revenue | Paye & NIC | **€ 2,119.48** | 1100/1200/1500 | Mayor Allowance/Salaries/NI Contribution |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0147 | 30/04/2009 | 25 | Bezzina Ronald | Sweeping - April 2009 | **€ 3,042.75** | 3051 | Sweeping |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0148 | 30/04/2009 | 24 | Bezzina Ronald | Extra Monti Cleaning - April 2009 | **€ 1,267.55** | 3051 | Sweeping |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0149 | 30/04/2009 | 1 | Bezzina Ronald | Bulky Refuse Collection - April 2009 | **€ 809.55** | 3042 | Bulky Refuse |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0150 | 11/05/2009 | 90490 | Angelo Vella Ltd | Pjanci ghall-kaxxa tad-dawl - Central Strip Triq il-Vitorja | **€ 45.08** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0151 | 08/05/2009 | 20448 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 130.67** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0152 | 06/05/2009 | 20443 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 458.69** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0153 | 07/05/2009 | 20447 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 142.67** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0154 | 16/04/2009 | 10974 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | **€ 485.51** | 2313 | Traffic Signs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0155 | 11/05/2009 | | Maltapost plc | Postage Stamps | **€ 95.00** | 2650 | Postage |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0156 | 11/05/2009 | 20450 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 166.68** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0157 | 12/05/2009 | 20452 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 169.34** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0158 | 27/04/2009 | 33220 | Merlin Library Ltd | Book Token - St. Ignatius College | **€ 7.85** | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0159 | 30/04/2009 | 43627 | Union Press | Advert | **€ 41.20** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0160 | 12/05/2009 | | Data Protection Commissioner | Annual Fee 2009-2010 | **€ 23.29** | 2560 | Membership Local Org |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0161 | 30/04/2009 | 1401 | Guard & Warden | Mriehel Bypass & Mdina Road Speed Camera Tickets | **€ 11,827.19** | 3670 | Speed Cameras Expenses |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0161 | 30/04/2009 | 1401 | Guard & Warden | Mriehel Bypass & Mdina Road Speed Camera Tickets | **€ 385.00** | 3690 | Other Expenses |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0162 | 11/05/2009 | | HSBC | Report Bank for Audit Purposes | **€ 17.50** | 3035 | Bank Charges |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0163 | 01/04/2009 | 1903 | The Light Housekeeper | New Floodlight near Kamra tan-Nar San Gorg | **€ 250.74** | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0164 | 13/05/2009 | 20460 | Philip Agius & Sons | Supply of Cold Asphalt | **€ 209.34** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0165 | 30/04/2009 | 11042 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | **€ 77.65** | 2314 | Road Markings |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0166 | 05/05/2009 | 11056 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | **€ 291.31** | 2313 | Traffic Signs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0167 | 05/05/2009 | 11057 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | **€ 161.95** | 2313 | Traffic Signs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0168 | 15/05/2009 | 507 | Print Right | Gieh Hal Qormi - Inviti | **€ 41.30** | 2610 | Printing |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0169 | 11/05/2009 | | Road Maintenance Services Ltd | Patching Works | **€ 5,715.63** | 2311 | Road Repairs |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0170 | 30/04/2009 | 2011361 | 3a Accountants | Accountant - April 2009 | **€ 412.29** | 3160 | Accountant |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0171 | 14/05/2009 | 750893 | Go Internet | ADSL Access 02.06.09 - 30.08.09 | **€ 68.13** | 3110 | IT Development Service |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0172 | 30/04/2009 | 16081 | Greenlines Ltd | Hire of Mobile Toilet re Gimgha l-Kbira | **€ 132.16** | 3053 | Public Convenience |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0173 | 17/05/2009 | 24036 | Police Department | Extra Police re Car Show organized by Kummissjoni Zghazagh Bastjanizi | **€ 215.92** | 3380 | Community Service |
| PV10 | 0174 | 18/05/2009 | 04-2009 | Charles Axisa | Librarian | **€ 71.28** | 2996 | Librarian |
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0175 | 18/05/2009 | | Fenech George | Ftuh tad-Drenagg - Public Convenience San Bastjan | **€ 80.00** | 3053 | Public Convenience |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |
| PV10 | 0176 | 18/05/2009 | | DOI | Advert | **€ 9.32** | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | |
| | | | | | **TOTAL** | **€ 82,662.59** | | |

John Farrugia	Date
Executive Secretarty

QORMI
Città Pinto

## PETTY CASH APRIL 2009

| PV | NO | DATE | PAYEE | DESCRIPTION | EURO | ACC/NO | ACC/NAME |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PCV10** | **001** | 01/04/2009 | Carmelo Saliba | Fuel for Van | **€ 20.00** | 2110 | Fuel |
| **PCV10** | **002** | 01/04/2009 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | **€ 2.33** | 2220 | Cleaning Mat & Supp |
| **PCV10** | **003** | 02/04/2009 | Zahra Ironmongery | Material used by LC attached workers | **€ 15.00** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| **PCV10** | **004** | 03/04/2009 | Pinto Pharmacy | Office Supplies | **€ 2.35** | 3340 | Other Hospitality Costs |
| **PCV10** | **005** | 06/04/2009 | The Rose Shop | Office Supplies | **€ 3.12** | 3340 | Other Hospitality Costs |
| **PCV10** | **006** | 06/04/2009 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | **€ 1.60** | 2220 | Cleaning Mat & Supp |
| **PCV10** | **007** | 07/04/2009 | Carmelo Saliba | Fuel for Van | **€ 20.00** | 2110 | Fuel |
| **PCV10** | **008** | 07/04/2009 | Grech's Ltd | Flushing tap | **€ 10.50** | 3410 | Sundry Expenses |
| **PCV10** | **009** | 14/04/2009 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | **€ 7.66** | 2220 | Cleaning Mat & Supp |
| **PCV10** | **010** | 14/04/2009 | Lidl Malta | Tape Measures with Laser for LC attached workers | **€ 13.98** | 3410 | Sundry Expenses |
| **PCV10** | **011** | 22/04/2009 | Carmelo Saliba | Fuel for Van | **€ 20.00** | 2110 | Fuel |
| **PCV10** | **012** | 22/04/2009 | The Rose Shop | Mineral Water | **€ 20.00** | 3340 | Other Hospitality Costs |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **013** | 27/04/2009 | The Rose Shop | Office Supplies | **€ 10.28** | 3340 | Other Hospitality Costs |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **014** | 27/04/2009 | Charles Attard | Material used by LC attached workers | **€ 3.30** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **015** | 28/04/2009 | Tal Lira Ltd | Rubber Mall & Bozza for LC attached workers | **€ 4.00** | 3410 | Sundry Expenses |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **016** | 29/04/2009 | Charles Attard | Material used by LC attached workers | **€ 1.20** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **017** | 30/04/2009 | Charles Attard | Material used by LC attached workers | **€ 5.70** | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | |
| | | | | | **€ 161.02** | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | John Farrugia | Date | | |
| | | | | Executive Secretary | | | |